# PROTOKOLL

## għall-ftehim ewro-mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati membri tagħhom min-naħa waħda u r-renju tal-Marokk min-naħa l-oħra biex titqies l-Adeżjoni tar-Repubblika ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN-DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVAKKJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-ISVEZJA,

IR-RENJU-UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

(minn hawn "il quddiem imsejħa 'l-Istati Membri tal-KE'), rappreżentati mill-Kunsill ta" l-Unjoni Ewropea

u

L-KOMUNITÀ EWROPEA, (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità"),rappreżentata mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea,min-naħa waħda,u

R-RENJU TAL-MAROKK, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Marokk")min-naħa l-oħra,

BILLI l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Ewro-Mediterranju", ġie ffirmat fi Brussel fis-26 ta' Frar 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000.

BILLI t-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat ta' Adeżjoni") ġie ffirmat f'Ateni fis-16 ta' April 2003 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004.

BILLI skond il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att anness mat-Trattat ta' l-Adeżjoni, l-adeżjoni tal-partijiet kontraenti l-ġodda fil-Ftehim Ewro-Mediterranju hi approvata permezz tal-konklużjoni ta' Protokoll għal dan il-Ftehim.

BILLI l-konsultazzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 23 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju saru sabiex ikun assigurat li ttieħed kont ta' l-interessi reċiproċi tal-Komunità u tal-Marokk.

FTEHMU DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka jsiru partijiet kontraenti fil-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, u jagħtu kas u jadottaw rispettivament, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Komunità, it-testi tal-ftehim kif ukoll id-dikjarazzjonijiet komuni, id-dikjarazzjonijiet u l-iskambji ta' ittri.

*Artikolu 2*

Sabiex jitiqesu l-aħħar żviluppi istituzzjonali fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-Partijiet jaqblu li, wara li jagħlaq iż-żmien tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, id-disposizzjonijiet tal-ftehim li jirreferu għall-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar se jkunu kkunsidrati bħala li qed jirreferu għall-Komunità Ewropea, li ħadet id-drittijiet u l-obbligi kollha li dahlet għalihom il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

**EMENDI LI SARU FIT-TEST TAL-FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU U PARTIKOLARMENT FL-ANNESSI U L-PROTOKOLLI TIEGĦU**

*Artikolu 3*

**Il-Prodotti agrikoli**

Il-Protokolli Nru 1 u Nru 3 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju huma mibdula bil-Protokoll Nru 1 u l-annessi tiegħu u l-Protokoll Nru 3 u l-annessi tiegħu li jinsabu fl-Annessi I u II rispettivament ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 4*

**Ir-regoli ta' l-oriġini**

Il-Protokoll 4 hu emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 19 (4) jiġi mibdul b' dan li ġej:

"4. 'Iċ-ċertifikati ta' ċirkolazzjoni libera EUR.1 li jinħarġu retrospettivament jrid ikollhom fuqhom waħda min-noti li ġejjin:

ES 'EXPEDIDO A POSTERIORI'

CS 'VYSTAVENO DODATEČNĚ'

DA 'UDSTEDT EFTERFØLGENDE'

DE 'NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT'

ET 'TAGANTJÄRELE VÄLJA ANTUD'

EL 'ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ'

EN 'ISSUED RETROSPECTIVELY'

FR 'DÉLIVRÉ À POSTERIORI'

IT 'RILASCIATO A POSTERIORI'

LV 'IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI'

LT 'RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS'

HU 'KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL'

MT 'MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT'

NL 'AFGEGEVEN A POSTERIORI'

PL 'WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE'

PT 'EMITIDO A POSTERIORI'

SL 'IZDANO NAKNADNO'

SK 'VYDANÉ DODATOČNE'

FI 'ANNETTU JÄLKIKÄTEEN'

SV 'UTFÄRDAT I EFTERHAND'

AR 'الصادرة بأثر رجعي".

2. It-test ta' l-Artikolu 20 (2) jiġi mibdul b' dan li ġej:

"2. Il-kopja doppja li b'hekk tinhareġ irid ikollha fuqha waħda min-noti li ġejjin:

ES 'DUPLICADO'

CS 'DUPLIKÁT'

DA 'DUPLIKAT'

DE 'DUPLIKAT'

ET 'DUPLIKAAT'

EL 'ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ'

EN 'DUPLICATE'

FR 'DUPLICATA'

IT 'DUPLICATO'

LV 'DUBLIKĀTS'

LT 'DUBLIKATAS'

HU 'MÁSODLAT'

MT 'DUPLIKAT'

NL 'DUPLICAAT'

PL 'DUPLIKAT'

PT 'SEGUNDA VIA'

SL 'DVOJNIK'

SK 'DUPLIKÁT'

FI 'KAKSOISKAPPALE'

SV 'DUPLIKAT'

AR نسخة"

3. L-Artikolu 22(4) jiġi mibdul b' dan li ġej:

"4. Fil-każijiet previsti fil-punt a) tal-paragrafu 3, il-kaxxa 'Osservazzjonijiet' taċ-ċertifikat EUR.1 ikun fiha waħda min-noti li ġejjin:

'PROCEDIMIENTO SIMPLIFICADO', 'ZJEDNODUŠENÝ POSTUP', 'FORENKLET PROCEDURE', 'VEREINFACHTES VERFAHREN', 'LIHTSUSTATUD TOLLIPROTSEDUUR', 'ΑΠΛΟΥΣΤΕΥΜΕΝΗ ΔΙΑΔΙΚΑΣΙΑ', 'SIMPLIFIED PROCEDURE', 'PROCÉDURE SIMPLIFIÉE', 'PROCEDURA SEMPLIFICATA', 'VIENKĀRŠOTA PROCEDŪRA', 'SUPAPRASTINTA PROCEDURA', 'EGYSZERŰSÍTETT ELJÁRÁS', 'PROĊEDURA SIMPLIFIKATA', 'VEREENVOUDIGDE PROCEDURE', 'PROCEDURA UPROSZCZONA', 'PROCEDIMENTO SIMPLIFICADO', 'POENOSTAVLJEN POSTOPEK', 'ZJEDNODUŠENÝ POSTUP', 'YKSINKERTAISTETTU MENETTELY', 'FÖRENKLAT FÖRFARANDE',أصول مبسطة'".

*Artikolu 5*

**Il-presidenza tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni**

L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 82 (3) jiġi mibdul b' dan li ġej:

"3. Il-presidenza tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni ddur billi tmiss darba lil rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u darb'oħra lil rappreżentant tal-Gvern tar-Renju tal-Marokk".

**DISPOSIZZJONIJIET TRANŻITORJI**

*Artikolu 6*

**Il-Provi ta' l-oriġini u l-koperazzjoni amministrattiva**

1. Il-provi ta' l-oriġini maħruġa bl-istess mod mill-Marokk jew minn Stat Membru ġdid fil-qafas ta' ftehim preferenzjali jew ta' reġimi awtonomi applikati bejniethom huma aċċettati fil-pajjiżi rispettivi, bil-kondizzjoni li:

a) il-kisba ta' din l-oriġini taghti trattament ta' preferenza tariffarja fuq il-bażi tal-miżuri ta' preferenzi tariffarji previsti jew fil-Ftehim Ewro-Mediterranju jew fis-sistema komunitarja tal-preferenzi ġeneralizzati;

b) il-prova ta' l-oriġini u d-dokumenti tat-trasport ikunu nħarġu l-iżjed tard fil-jum ta' qabel id-data ta' l-adeżjoni;

ċ) il-prova ta' l-oriġini tkun preżentata lill-awtoritajiet tad-dwana fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni.

Meta l-merkanzija tkun ġiet dikjarata għall-importazzjoni lejn il-Marokk jew lejn Stat Membru ġdid qabel id-data ta' l-adeżjoni fil-qafas ta' ftehim preferenzjali jew ta' reġimi awtonomi applikati bejn il-Marokk u dak l-Istat Membru ġdid f'dak il-mument, il-prova ta' l-oriġini li tkun inħarġet b'mod retroattiv fil-qafas ta' dan il-ftehim jew dawn ir-reġimi tista' wkoll tiġi aċċettata bil-kondizzjoni li tkun ippreżentata lill-awtoritajiet tad-dwana fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni.

2. Il-Marokk u l-Istati Membri l-ġodda għandhom id-dritt li jżommu l-awtorizzazzjonijiet li jagħtu r-rikonoxximent bħala "esportatur awtorizzat" fil-qafas ta' ftehim preferenzjali jew ta' reġimi awtonomi applikati bejniethom, bil-kondizzjoni li:

a) disposizzjoni bħal din tkun prevista wkoll fil-ftehim konkluż qabel id-data ta' l-adeżjoni bejn il-Marokk u l-Komunità;

b) l-esportatur awtorizzat japplika r-regoli ta' l-oriġini fis-seħħ skond dan il-ftehim.

L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu sostitwiti b'awtorizzazzjonijiet ġodda maħruġa skond il-kondizzjonijiet tal-ftehim sa l-iżjed tard sena wara d-data ta' l-adeżjoni.

3. It-talbiet għall-verifika wara l-provi ta' l-oriġini maħruġa skond il-ftehim preferenzjali jew ir-reġimi awtonomi maħsuba fil-paragrafi 1 u 2 hawn fuq huma aċċettati mill-awtoritajiet tad-dwana kompetenti tal-Marokk jew ta' l-Istati Membri l-ġodda matul perjodu ta' tliet snin wara l-ħruġ tal-prova ta' l-oriġini konċernata u jistgħu jiġu preżentati minn dawn l-awtoritajiet matul perjodu ta' tliet snin wara l-aċċettazzjoni tal-prova ta' l-oriġini provduta lil dawn l-awtoritajiet bis-saħħa ta' dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni.

*Artikolu 7*

**Il-Merkanzija fi transitu**

1. Id-disposizzjonijiet tal-ftehim jistgħu jiġu applikati għall-merkanzija, esportata mill-Marokk lejn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda jew minn wieħed minn dawn lejn il-Marokk, li jaqblu mad-disposizzjonijiet tal-Protokoll 4 u li, fid-data ta' l-adeżjoni, ikunu fi transitu jew ikunu maħżuna f'depost temporanju, f'maħżen tad-dwana jew f'żona franka fil-Marokk jew f'dan l-Istat Membru ġdid.

2. It-trattament ta' preferenza jista' jingħata f'dawn il-każijiet, bil-kondizzjoni li tiġi preżentata prova ta' l-oriġini maħruġa b'mod retroattiv mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż li qed jesporta lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż li qed jimporta f'terminu ta' erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni.

**DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 8*

Permezz ta' dan il-Protokoll sar qbil li l-ebda pretensjoni, talba jew rikors ma jistgħu jiġu preżentati u li l-ebda konċessjoni ma tista' tiġi modifikata jew irtirata bis-saħħa tal-paragrafu 6 ta' l-Artikolu XXIV u ta' l-Artikolu XXVIII tal-GATT b'relazzjoni mat-tkabbir tal-Komunità.

*Artikolu 9*

Għas-sena 2004, il-piż tad-dazji tad-dwana l-ġodda u tal-kwantitajiet ta' referenza u ż-żjieda tal-piż tad-dazji tad-dwana eżistenti se jinħadmu b'kalkolu proporzjonali skond il-piż oriġinali waqt li jittieħed kont tal-perjodu taż-żmien li jkun għadda qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 10*

Dan il-Protokoll jagħmel parti mill-Ftehim Ewro-Mediterranju. L-Annessi ta' dan il-Protokoll jagħmlu parti minn dan ta' l-aħħar.

*Artikolu 11*

1. Dan il-Protokoll hu approvat mill-Komunità, mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri, u mir-Renju tal-Marokk, skond il-proċeduri ta' kull wieħed jew waħda minnhom.

2. Il-mezzi ta' l-approvazzjoni ikunu depożitati għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 12*

1. Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu ta' l-aħħar mezz ta' approvazzjoni.

2. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll jibdew japplikaw fl-1 ta' Mejju 2004.

*Artikolu 13*

Dan il-Protokoll inkiteb f'żewġ kopji ta' kull waħda mil-lingwi uffiċjali tal-partijiet kontraenti u kull test huwa ugwalment awtentiku.

*Artikolu 14*

It-test tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, inklużi l-Annessi u l-Protokolli li jagħmlu parti minnu, kif ukoll it-test ta' l-Att finali u d-dikjarazzjonijiet annessi miegħu huma magħmulin biċ-Ċek, l-Estonjan, il-Latvjan, il-Litwan, l-Ungeriż, il-Malti, il-Pollakk, is-Slovakk, is-Sloven u huma kollha awtentiċi daqs it-testi oriġinali.

Il-Kunsill ta' assoċjazzjoni japprova dawn it-testi.

Hecho en Luxemburgo, el treinta y uno de mayo del dos mil cinco.

V Lucemburku dne třicátého prvního května dva tisíce pět.

Udfærdiget i Luxembourg den enogtredivte maj to tusind og fem.

Geschehen zu Luxemburg am einunddreißigsten Mai zweitausendfünf.

Kahe tuhande viienda aasta maikuu kolmekümne esimesel päeval Luxembourgis.

Έγινε στο Λουξεμβούργο, στις τριάντα μία Μαΐου δύο χιλιάδες πέντε.

Done at Luxembourg on the thirty-first day of May in the year two thousand and five.

Fait à Luxembourg, le trente-et-un mai deux mille cinq.

Fatto a Lussembourgo, addì' trentuno maggio duemilacinque.

Luksemburgā, divtūkstoš piektā gada trīsdesmit pirmajā maijā.

Priimta du tūkstančiai penktų metų gegužės trisdešimt pirmą dieną Liuksemburge.

Kelt Luxembourgban, a kettőezer ötödik év május harmincegyedik napján.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-wieħed u tletin jum ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa.

Gedaan te Luxemburg, de eenendertigste mei tweeduizend vijf.

Sporządzono w Luksemburgu dnia trzydziestego pierwszego maja roku dwutysięcznego piątego.

Feito en Luxemburgo, em trinta e um de Maio de dois mil e cinco.

V Luxembourgu, enaintridesetega maja leta dva tisoč pet.

V Luxemburgu, dňa tridsiateho prvého mája dvetisícpäť'.

Tehty Luxemburgissa kolmantenakymmenentenäensimmäosenä päivänä toukokuuta vuonna kaksituhattavii-si.

Som skedde i Luxemburg den trettioförsta maj tjugohundrafem.

اللوكسمبورغ في : واحد وثلاثون من شهر ماي
سنة الفين وخمسة

Por los Estados miembros
Za členské státy
For medlemsstaterne
Für die Mitgliedstaaten
Liikmesriikide nimel
Για τα κράτη μέλη
For the Member States
Pour les États membres
Per gli Stati membri
Dalībvalstu vārdā
Valstybių narių vardu
A tagállamok részéről
Għall-Istati Membri
Voor de lidstaten
W imieniu Państw Członkowskich
Pelos Estados-Membros
Za členské štáty
Za države članice
Jäsenvaltioiden puolesta
På medlemsstaternas vägnar
عن الدول الاعضاء

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vārdā
az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar
عن المجموعة الاوروبية

Por el Reino de Marruecos
Za Marocké království
For Kongeriget Marokko
Für das Königreich Marokko
Maroko Kuningriigi nimel
Για το Βασίλειο του Μαρόκου
For the Kingdom of Morocco
Pour le Royaume du Maroc
Per il Regno del Marocco
Marokas Karalistes vārdā
Maroko Karalystės vardu
A Marokkói Királyság nevében
Għar-Renju tal-Marokk
Voor het Koninkrijk Marokko
W imieniu Królestwa Maroka
Pelo Reino de Marrocos
Za Marocké kráľovstvo
Za Kraljevino Maroko
Marokon kuningaskunnan puolesta
På Konungariket Marockos vägnar
عن المملكة المغربيــة

*ANNESS I*

**PROTOKOLL NRU 1**

**dwar ir-reġim li japplika għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli lejn il-Komunità mill-Marokk**

*Artikolu 1*

1. Il-prodotti enumerati fl-Anness 1 A, li ġejjin mill-Marokk, jistgħu jiġu importati lejn il-Komunità bil-kondizzjonijiet indikati hawn isfel u fl-Anness 1 imsemmi.

2. Id-dazji tad-dwana mħallas fuq l-importazzjoni jitneħħew jew jitnaqqsu, skond il-prodotti, bil-proporzjonijiet indikati għal kull wieħed minnhom fil-kolonna a) ta' l-Anness 1A.

Għal ċerti prodotti, li għalihom id-dazju tad-dwana komuni jipprevedi l-applikazzjoni ta' dazju tad-dwana "ad valorem" u ta' dazju tad-dwana speċifiku u li għalihom tidher stilla fil-kolonni a) jew c), ir-rati tat-tnaqqis indikati fil-kolonna a) kif ukoll fil-kolonna c) maħsuba fil-paragrafu 3 japplikaw biss għad-dazju tad-dwana "ad valorem".

3. Għal ċerti prodotti, jitneħħew id-dazji tad-dwana fil-limiti tal-volumi tariffarji indikati għal kull wieħed minnhom fil-kolonna b) ta' l-Anness 1A.

Għall-kwantitajiet importati lil hinn mil-volumi, id-dazji tad-dwana komuni jitnaqqsu bil-proporzjonijiet indikati fil-kolonna ċ) ta' l-Anness imsemmi.

4. Kwantità ta' referenza, indikata fil-kolonna d), hi stabbilita għall-kodiċi NM 0705 19 00, 0705 29 00, 0706 10 00 u 0706 90. Jekk l-importazzjoni ta' dawn il-prodotti taqbeż il-kwantità ta' referenza, il-Komunità tista', waqt li tieħu kont tal-bilanċ ta' l-iskambji li tistabbilixxi, tpoġġi l-prodotti taħt dazju tad-dwana komunitarju għal piż daqs dik il-kwantità ta' referenza. F'każ bħal dan, id-dazju tad-dwana komuni jrid jiġi applikat fit-totalità tiegħu għall-kwantitajiet importati lil hinn mid-dazju.

5. Għall-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-ftehim, ħlief għat-tadam tal-kodiċi NM 0702 00 00, il-piż tad-dazji tad-dwana li għalihom il-perjodu ta' l-applikazzjoni tad-dazju beda qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim jinħadem b'kalkolu proporzjonali skond il-piż oriġinali waqt li jitqies il-perjodu li jkun għadda qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

6. Għal uħud mill-prodotti li jidhru fl-Anness 1A, u li huma indikati fil-kolonna d), l-ammonti tad-dazji tad-dwana jiżdiedu f'erba' partijiet indaqs kull sena b'kull parti li tirrappreżenta 3% ta' dawn l-ammonti mill-1 ta' Jannar 2004 sa l-1 ta' Jannar 2007.

7. F'każ ta' tnaqqis mill-Komunità tad-dazji applikati tan-nazzjon l-iktar vantaġġat, it-tneħħija tad-dazju indikata fil-kolonna a) u fil-kolonna ċ) tapplika għad-dazji mnaqqsa applikati msemmija.

*Artikolu 2*

1. Għat-tadam frisk jew rifriġerat, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0702 00 00, għal kull perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju, minn hawn 'il quddiem imsejħa "perjodi", fil-qafas tal-volumi tariffarji li ġejjin, u b'riżerva ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 2:

*(tunnellati)*

| | Perjodi | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 2003/04 | 2004/05 | 2005/06 | 2006/07 u wara |
| **Volumi bażiċi fix-xahar** | | | | |
| Ottubru | 10 000 | 10 600 | 10 600 | 10 600 |
| Novembru | 26 000 | 27 700 | 27 700 | 27 700 |
| Diċembru | 30 000 | 31 300 | 31 300 | 31 300 |
| Jannar | 30 000 | 31 300 | 31 300 | 31 300 |
| Frar | 30 000 | 31 300 | 31 300 | 31 300 |
| Marzu | 30 000 | 31 300 | 31 300 | 31 300 |
| April | 15 000 | 16 500 | 16 500 | 16 500 |
| Mejju | 4 000 | 5 000 | 5 000 | 5 000 |
| Total | 175 000 | 185 000 | 185 000 | 185 000 |
| **Volumi addizzjonali**<br>(mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju) | | | | |
| Linja A | 15 000 | 28 000 | 38 000 | 48 000 |
| Linja B | 15 000 | 8 000 | 18 000 | 28 000 |

a) id-dazji tad-dwana *ad valorem* huma mneħħija,

b) il-prezz tad-dħul, li minnu 'l fuq id-dazji speċifiċi huma mneħħija, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-prezz tad-dħul konvenzjonali", hu ta' 461 €/t.

2. Matul perjodu, meta l-kwantitajiet totali tat-tadam li ġej mill-Marokk li għalihom tkun tħallset id-dwana fil-Komunità ma jaqbżux is-somma tal-volumi bażiċi fix-xahar u tal-volumi addizzjonali fis-seħħ għal dak il-perjodu, il-volumi addizzjonali għall-perjodu ta' wara jkun dak indikat fil-linja A tal-paragrafu 1. Meta din il-kondizzjoni ma tiġix rispettata għal perjodu partikolari, il-volum addizzjonali għall-perjodu ta' wara jkun dak indikat fil-linja B tal-paragrafu 1. Madankollu, bħala apprezzament għall-osservanza ta' din il-kondizzjoni, tolleranza massima ta' 1% tas-somma msemmija hawn fuq hi aċċettata.

3. Il-Marokk jobbliga ruħu sabiex l-użu tal-volum addizzjonali għal xahar partikolari ma jaqbiżx it-30% ta' dak il-volum addizzjonali.

4. Fil-15 ta' Jannar u fit-tieni jum tax-xogħol wara l-1 ta' April ta' kull perjodu, għandu jiġi stabbilit kemm se jintuża mill-volumi tariffarji bażiċi fix-xahar fis-seħħ matul ix-xhur minn Ottubru sa Diċembru u minn Jannar sa Marzu rispettivament. Fil-jum tax-xogħol ta' wara, il-kwantitajiet li ma jintużawx minn dawn il-volumi bażiċi fix-xahar se jkunu deċiżi mis-servizzi tal-Kummissjoni u se jiġu trasferiti fil-volum addizzjonali ta' l-istess perjodu. Minn dawn id-dati 'l quddiem, kull talba għal benefiċċju retroattiv fuq xi wieħed mill-volumi tariffarji bażiċi fix-xahar stabbiliti, u kull trasferiment eventwali tal-kwantitajiet li ma ntużawx li jirreferi għal dawn id-dazji tad-dwana bażiċi fix-xahar stabbiliti, għandha ssir skond il-volum tariffarju addizzjonali ta' dan l-istess perjodu.

5. Il-Marokk jinnotifika lis-servizzi tal-Kummissjoni bl-esportazzjoni ta' kull ġimgħa magħmula fuq il-Komunità f'terminu li jippermetti notifika preċiża u li wieħed jista' joqgħod fuqha. Dan it-terminu ma jkun jista' fl-ebda każ jaqbeż il-ħmistax-il jum.

*Artikolu 3*

Għall-prodotti msemmija hawn isfel, il-prezzijiet tad-dħul konvenzjonali li minnu 'l fuq id-dazji speċifiċi huma mneħħija matul il-perjodi indikati huma daqs il-prezz indikat hawn isfel, u d-dazju tad-dwana "ad valorem" jitneħħa fil-limitu tal-kwantitajiet u tal-perjodi stabbiliti f'dan l-Artikolu.

| Prodotti | Kwantitajiet (f 'tunnellati) | Perjodu | Prezz tad-dħul konvenzjonali |
|---|---|---|---|
| Ħjar<br>NM 0707 00 05 | 6 200 | 01/11 – 31/05 | 449 EUR |
| Qaqoċċ<br>NM 0709 10 00 | 500 | 01/11 – 31/12 | 571 EUR |
| Qara' bagħli<br>NM 0709 90 70 | 20 000 | 01/10 – 31/01<br>01/02 – 31/03<br>01/04 – 20/04 | 424 EUR<br>413 EUR<br>424 EUR |
| Larinġ frisk<br>NM ex 0805 10 | 306 800 | 01/12 – 31/05 | 264 EUR |
| Klementini friski<br>NM ex 0805 20 10 | 143 700 | 01/11 – l-aħħar ta' Frar | 484 EUR |

*Artikolu 4*

Għall-prodotti enumerati fl-Artikoli 2 u 3:

— jekk il-prezz ta' lott hu ta' 2%, 4%, 6% jew 8% inqas mill-prezz tad-dħul konvenzjonali, id-dazju tad-dwana speċifiku jkun 2%, 4%, 6% jew 8% rispettivament ta' dan il-prezz tad-dħul konvenzjonali;

— jekk il-prezz tad-dħul ta' lott hu inqas minn 92% tal-prezz tad-dħul konvenzjonali, id-dazju tad-dwana speċifiku konsolidat fid-WTO japplika;

— il-prezzijiet tad-dħul konvenzjonali jitnaqqsu bl-istess proporzjonijiet u bl-istess ritmu bħall-prezzijiet tad-dħul konsolidati fil-qafas tad-WTO.

*Artikolu 5*

1. Ir-reġim speċifiku li sar qbil fuqu fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan il-Protokoll għandu l-għan li jżomm il-livell ta' l-esportazzjoni Marokkina tradizzjonali lejn il-Komunità u li jevita t-tfixkil fis-swieq komunitarji.

2. Sabiex jintlaħaq b'mod sħiħ l-għan stabbilit fl-ewwel paragrafu u fl-Artikoli 2 u 3 u sabiex tittejjeb l-istabbiltà tas-suq u l-kontinwità tal-fornituri, iż-żewġ partijiet jikkonsultaw lil xulxin kull sena, matul it-tieni trimestru, jew fi kwalunkwe mument, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u fi żmien mhux aktar minn 3 ijiem tax-xogħol.

4. Il-konsultazzjonijiet jittrattaw dwar l-iskambji tal-perjodu preċedenti u dwar il-perspettivi tal-perjodu li jkun imiss, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mas-sitwazzjoni tas-suq, il-previżjonijiet tal-produzzjoni, il-prezzijiet tal-produzzjoni u l-esportazzjoni antiċipati u l-iżvilupp possibbli tas-swieq.

5. Jekk ikun il-każ, il-partijiet jieħdu l-miżuri xierqa sabiex ikun hemm assigurazzjoni li jintlaħaq b'mod sħiħ l-għan stabbilit fl-ewwel paragrafu u fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 6*

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-ftehim u meqjusa s-sensibbiltà partikolari tas-swieq agrikoli, jekk l-importazzjoni ta' prodotti mill-Marokk, li hi s-suġġett ta' konċessjonijiet mogħtija bis-saħħa ta' dan il-Protokoll, iġġib magħha tfixkil gravi fis-swieq komunitarji fis-sens ta' l-Artikolu 25 tal-ftehim, iż-żewġ partijiet jibdew konsultazzjonijiet mill-ewwel sabiex isibu soluzzjoni xierqa. Sakemm tinstab din is-soluzzjoni, il-Komunità hi awtorizzata biex tieħu l-miżuri li tqis meħtieġa.

*Artikolu 7*

L-inbid li ġej mill-Marokk li jkun immarkat bħala nbid li ġej minn oriġini kontrollata għandu jkollu miegħu ċertifikat li juri l-oriġini skond il-mudell speċifikat fl-Anness 1 B ta' dan il-Protokoll jew mid-dokument V I 1 jew V I 2 mimli skond l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 883/2001 dwar iċ-ċertifikati u l-analiżi meħtieġa għall-importazzjoni ta' l-inbid, meraq ta' l-għeneb u most ta' l-għeneb.

*ANNESS 1A għall-Protokoll I*

**Reġim Li Japplika Għall-Importazzjoni Tal-Prodotti Agrikoli Mill-Marokk Lejn Il-Komunità**

| Kodiċi NM (1) | Deskrizzjoni tal-merkanzija (2) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN % | Dazju tad-dwana annwali jew għall-perjodu indikat (tunnellati f'piż nett) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN lil hinn mid-dazju tad-dwana eżistenti (%) | Disposizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 0101 90 19 | Żwiemel li mhumiex maħsuba għall-biċċerija | 100 | | | |
| ex 0204 | Laħam tal-bhejjem ta' l-ispeċi tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew tal-friża u laħam tal-bhejjem ta' l-ispeċi tan-nagħaġ tar-razez SARDI, TIMAHDIT, BENI GUIL, AKNOUL, D'MAN, BENI AHSEN, frisk, imkessaħ jew tal-friża. | 100 | | | |
| 0205 00 | Laħam tal-bhejjem ta' l-ispeċi taż-żiemel, tal-ħmar u tal-bagħal, frisk, imkessaħ jew tal-friża | 100 | | | |
| 0208 | Laħam ieħor u l-ġewwieni tal-bhejjem li hu tajjeb għall-ikel, friski, imkessħa jew tal-friża | 100 | | | |
| ex 0602 | Pjanti oħra ħajjin (inklużi l-għeruq tagħhom) frieghi għaż-żrigħ u għat-tilqim; il-miċelju tal-faqqiegħ ikkultivat, minbarra l-pjanti tal-ward | 100 | | | |
| 0602 40 | Pjanti tal-ward imlaqqma jew ma humiex, minbarra l-frieghi tal-pjanti tal-ward għaż-żrigħ | 100 | | | |
| 0603 10 | Fjuri maqtugħin u blanzuni, friski: | 100 | 3 000 | – | Artikolu 1 § 6 |
| 0603 10 10 | Ward mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | | | | |
| 0603 10 20 | Qronfol mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | | | | |
| 0603 10 40 | Gladjoli mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | | | | |
| 0603 10 50 | Krizantemi mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | | | | |
| 0603 10 30 | Orkidej mill-15 ta' Ottubru sa l-14 ta' Mejju | 100 | 2 000 | – | Artikolu 1 § 6 |
| 0603 10 80 | Oħrajn mill-15 ta' Ottubru sa l-14 ta' Mejju | | | | |
| ex 0603 10 | Fjuri maqtugħin u blanzuni, friski: | 100 | 50 | – | Artikolu 1 § 6 |
| ex 0603 10 10 | Ward mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Ġunju | | | | |
| ex 0603 10 20 | Qronfol mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Ġunju | | | | |
| ex 0603 10 40 | Gladjoli mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Ġunju | | | | |
| ex 0603 10 50 | Krizantemi mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Ġunju | | | | |
| ex 0701 90 50<br>ex 0701 90 90 | Patata li tilħaq kmieni mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' April | 100 | 120 000 | 40 | Artikolu 1 § 6 |
| 0702 00 00 | Tadam frisk jew imkessaħ mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | | | 60 (*) (3) | Artikolu 2 |
| 0702 00 00 | Tadam frisk jew imkessaħ mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 60 (*) | | | |
| 0703 10 11<br>0703 10 19 | Basal frisk jew imkessaħ, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju | 100 | 8 000 | 60 | Artikolu 1 § 6 |
| ex 0709 90 90 | Basal ta' l-ispeċi Muscari comosum, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju | | | | |

| Kodiċi NM ([1]) | Deskrizzjoni tal-merkanzija ([2]) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN % | Dazju tad-dwana annwali jew għall-perjodu indikat (tunnellati f'piż nett) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN lil hinn mid-dazju tad-dwana eżistenti (%) | Disposizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 0703 10 90 | Basal tal-ġenus Allium ascalonicum (shallots) frisk jew imkessaħ | 100 | 1 000 | – | Artikolu 1 § 6 |
| 0703 20 00 | Tewm frisk jew imkessaħ | | | | |
| 0703 90 00 | Kurrat u ħaxix ieħor tal-familja tat-tewm, frisk jew imkessaħ | | | | |
| ex 0704 | Kaboċċi, pastard, kaboċċi mfelfla, ġdur u prodotti simili tajbin għall-ikel ta' l-ispeċi Brassica, friski jew imkessħa, minbarra kaboċċi Ċiniżi | 100 | 500 | – | Artikolu 1 § 6 |
| ex 0704 90 90 | Kaboċċi Ċiniżi friski jew imkessħin | 100 | 200 | – | Artikolu 1 § 6 |
| 0705 11 00 | Ħass b'qalba kbira frisk jew imkessaħ | 100 | 200 | – | Artikolu 1 § 6 |
| 0705 19 00 | Ħass (Lactuca sativa) frisk jew imkessaħ (minbarra l-ħass b'qalba kbira) | 100 | | – | Artikolu 1 § 6<br>(Kwantità a' referenza 3000 tunnellata) |
| 0705 29 00 | Indivja (Cichorium spp.) friska jew imkessħa (minbarra dik li tikber b'mod salvaġġ (Cichorium intybus var. foliosum) | | | | |
| 0706 10 00 | Karrotti u ġdur friski jew imkessħa | | | | |
| 0706 90 | Pitravi, salsafji, krafes ħoxnin, ravanell abjad u ħxejjex oħra ta' dan it-tip tajbin għall-ikel, friski jew imkessħa | | | | |
| 0707 00 05 | Ħjar frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju | | | | Artikolu 3 |
| 0707 00 05 | Ħjar frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Ottubru | 100 (*) | | | |
| 0707 00 90 | Ħjar żgħir użat għall-pikles frisk jew imkessaħ | 100 | 100 | – | Artikolu 1 § 6 |
| 0708 10 00 | Piżelli (Pisum sativum) friska jew imkessħa, mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' April | 100 | | | |
| 0708 20 00 | Fażola (Vigna spp. Phaseolus spp.) friska jew imkessħa, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju | 100 | | | |
| 0709 10 00 | Qaqoċċ frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru | | | 30 (*) | Artikolu 3 |
| 0709 10 00 | Qaqoċċ frisk jew imkessaħ, mill-1 sal-31 ta' Ottubru u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu | 100 (*) | | | |
| 0709 20 00 | Asparagus frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | 100 | | | |
| 0709 30 00 | Brunġiel frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' April | 100 | | | |
| 0709 40 00 | Krafes minbarra l-krafes ħoxnin, friski jew imkessħa | 100 | 9 000 | – | Artikolu 1 § 6 |
| 0709 51 00 | Faqqiegħ ta' l-ispeċi Agaricus frisk jew imkessaħ, minbarra l-faqqiegħ ikkultivat | | | | |
| 0709 59 10 | Fonoġ ta' lewn isfar tajbin biex jittieklu (Cantharellus cibarius), friski jew imkessħa | | | | |
| 0709 59 30 | Faqqiegħ b'zokk iebes u ras mielsa kannella ta' l-ispeċi Boletus edulis, frisk jew imkessaħ | | | | |
| 0709 59 90 | Faqqiegħ ieħor tajjeb għall-ikel frisk jew imkessaħ, minbarra l-faqqiegħ ikkultivat | | | | |
| 0709 70 00 | Spinaċi, spinaċi ta' New Zealand u ħaxixa salvaġġa li tintuża flok l-ispinaċi (Atriplex hortensis), friski jew imkessħa | | | | |

| Kodiċi NM (1) | Deskrizzjoni tal-merkanzija (2) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN % | Dazju tad-dwana annwali jew għall-perjodu indikat (tunnellati f'piż nett) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN lil hinn mid-dazju tad-dwana eżistenti (%) | Disposizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 0709 60 10 | Bżar aħmar jew aħdar frisk jew imkessaħ | 100 | | | |
| 0709 60 99 | Bżar ieħor tat-tip Capsicum jew Pimenta frisk jew imkessaħ, mill-15 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju | 100 | | | |
| 0709 90 10 | Ħass frisk jew imkessaħ (minbarra l-ħass "Lactuca sativa" u l-indivja "Cichorium spp.") | 100 | | | |
| 0709 90 31 | Żebbuġ frisk jew imkessaħ, mhux maħsub biex jintuża għall-produzzjoni taż-żejt (4) | 100 | | | |
| 0709 90 39 | Żebbuġ ieħor frisk jew imkessaħ | 100 | | | |
| 0709 90 20 | Qaqoċċ frisk jew imkessaħ | 100 | | | |
| 0709 90 40 | Kappar frisk jew imkessaħ | 100 | | | |
| 0709 90 50 | Busbież frisk jew imkessaħ | 100 | | | |
| 0709 90 60 | Qamħ b'qalba ħelwa ħafna frisk jew imkessaħ | 100 | | | |
| 0709 90 70 | Qara' bagħli frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Ottubru sa l-20 ta' April | | | | Artikolu 3 |
| 0709 90 70 | Qara' bagħli frisk jew imkessaħ, mill-21 ta' April sal-31 ta' Mejju | 60 (*) | | | |
| ex 0709 90 90 | Ħxejjex oħra friski jew imkessħa, (minbarra l-comboux) | 100 | | | |
| ex 0709 90 90 | Comboux friski jew imkessħa, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju | 100 | | | |
| ex 0710 | Ħaxix tal-friża minbarra l-piżelli u l-bżar tat-tip Capsicum jew Pimenta | 100 | 10 000 | | Artikolu 1 § 6 |
| 0710 21 00<br>ex 0710 29 00 | Piżelli tal-friża nejjin jew mgħollijin jew imsajrin fuq il-fwar | 100 | | | |
| 0710 80 59 | Bżar tal-friża ta' l-ispeċi Capsicum jew Pimenta nej jew mgħolli jew imsajjar fuq il-fwar (minbarra l-bżar aħmar jew aħdar) | 100 | | | |
| 0711 20 10 | Żebbuġ konservat temporanjament imma li għadu mhux tajjeb għall-ikel u li mhux maħsub biex jintuża għall-produzzjoni taż-żejt (4) | 100 | | | |
| 0711 30 00 | Kappar konservat temporanjament imma li għadu mhux tajjeb għall-ikel | 100 | | | |
| 0711 40 00<br>0711 51 00<br>0711 59 00<br>0711 90 30<br>0711 90 50<br>0711 90 80<br>0711 90 90 | Ħjar u ħjar żgħir użat għall-pikles, faqqiegħ, tartuf, qamħ b'qalba ħelwa ħafna, basal, ħxejjex oħra (minbarra l-bżar) u ħxejjex imħallta, konservati temporanjament (per eżempju permezz ta' dijossidu tal-kubrit jew fl-ilma mmellaħ, trattat bil-kubrit jew miżjud b'sustanzi oħra li jikkonservawhom temporanjament), imma li għadhom mhux tajbin għall-ikel | 100 | 600 | – | Artikolu 1 § 6 |

| Kodiċi NM (1) | Deskrizzjoni tal-merkanzija (2) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN % | Dazju tad-dwana annwali jew għall-perjodu indikat (tunnellati f'piż nett) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN lil hinn mid-dazju tad-dwana eżistenti (%) | Disposizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 0711 90 10 | Bżar tat-tip Capsicum jew Pimenta konservati temporanjament imma li għadhom mhux tajbin għall-ikel, minbarra l-bżar aħmar jew il-bżar aħdar | 100 | | | |
| ex 0712 | Legumi minbarra l-basal u ż-żebbuġ | 100 | 2 000 | – | Artikolu 1 § 6 |
| 0713 50 00 | Fażola kbira u ċiċri | 100 | | | |
| ex 0713 90 00 | Ħaxix ieħor bil-qoxra li mhux maħsub għaż-żrigħ | 100 | | | |
| 0804 10 00 | Tamal ippakkjat mill-ewwel b'piż nett ta' jew inqas minn 35 kg | 100 | | | |
| 0804 20 | Tin u bajtar | 100 | | | |
| 0804 40 00 | Avokado | 100 | | | |
| ex 0805 10 | Larinġ frisk, mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju | | | 80 (*) | Artikolu 3 |
| ex 0805 10 | Larinġ frisk, mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Novembru | 100 | | | |
| ex 0805 10 80 | Larinġ mhux frisk | 100 | | | |
| ex 0805 20 10 | Klementini friski, mill-1 ta' Novembru sa l-aħħar ta' Frar | | | 80 (*) | Artikolu 3 |
| ex 0805 20 10 | Klementini friski, mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Ottubru | 100 (*) | | | |
| ex 0805 20 30<br>ex 0805 20 50<br>ex 0805 20 70<br>ex 0805 20 90 | Mandolin (inkluż il-mandolin tat-tip Citrus aurantium u s-satsumas) frisk; *wilkings* u ibridi simili taċ-ċitru friski | 100 (*) | | | |
| 0805 40 00 | Grejpfrut frisk jew imnixxef | 100 | | | |
| ex 0805 50 10 | Lumi frisk | 100 (*) | | | |
| ex 0805 50 | Lumi u lumiċell mhux frisk | 100 (*) | | | |
| ex 0806 10 10 | Għeneb frisk tal-mejda, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Lulju | 100 (*) | | | |
| 0807 11 00 | Dulliegħ frisk, mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Ġunju | 100 | | | |
| 0807 19 00 | Bettieħ ieħor frisk, mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | 100 | | | |
| 0808 20 90 | Sfarġel frisk | 100 | 1 000 | 50 | |
| 0809 10 00<br>0809 20<br>0809 30 | Berquq frisk<br>Ċirasa friska<br>Ħawħ frisk, inkluż l-anċiprisk | 100 (*) (5) | 3 500 | – | Artikolu 1 § 6 |
| 0809 40 05 | Pruna friska, mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju | 100 (*) | | | |
| 0810 10 00 | Frawli friska, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu | 100 | | | |
| 0810 10 00 | Frawli friska, mill-1 ta' April sat-30 ta' April | 100 | 100 | | |
| 0810 20 10 | Ċawsli frisk, mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Lulju | 100 | | | |
| 0810 50 00 | Kiwi frisk, mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April | 100 | 250 | – | Artikolu 1 § 6 |

| Kodiċi NM (1) | Deskrizzjoni tal-merkanzija (2) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN % | Dazju tad-dwana annwali jew għall-perjodu indikat (tunnellati f'piż nett) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN lil hinn mid-dazju tad-dwana eżistenti (%) | Disposizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| ex 0810 90 95 | Rummien frisk | 100 | | | |
| ex 0810 90 95 | Bajtar tax-xewk u naspli friski | 100 | | | |
| ex 0811 | Frott tal-friża nej jew mgħolli jew imsajjar fuq il-fwar mingħajr zokkor miżjud | 100 | | | |
| ex 0812 90 20 | Larinġ magħsur sew konservat temporanjament | 100 | | | |
| ex 0812 90 99 | Ċitru ieħor magħsur sew konservat temporanjament | 100 | | | |
| 0813 10 00 | Berquq imnixxef | 100 | | | |
| 0813 40 10 | Ħawħ, inkluż l-anċiprisk imnixxef | 100 | | | |
| 0813 40 50 | Papaja mnixxfa | 100 | | | |
| 0813 40 95 | Frott ieħor imnixxef | 100 | | | |
| 0813 50 12<br>0813 50 15 | Frott imħallat imnixxef mingħajr pruna | 100 | | | |
| 0904 12 00 | Bżar mitħun | 100 | | | |
| 0904 20 90 | Bżar tat-tip Capsicum jew Pimenta imqatta' jew mitħun | 100 | | | |
| 0910 | Ġinġer, żagħfran, kurkuma, sagħtar, rand, karì u ħwawar oħra | 100 | | | |
| 1209 91 90 | Żerriegħa oħra tal-ħaxix (6) | 100 | | | |
| 1209 99 99 | Żerriegħa oħra tal-frott għaż-żrigħ (6) | 100 | | | |
| 1211 90 30 | Żerriegħa sewda ta' siġra ta' l-Amerika tan-Nofsinhar, Dipteryx odorata | 100 | | | |
| 1212 10 | Ħarrub, inkluża ż-żerriegħa tal-ħarrub | 100 | | | |
| ex 1302 20 | Sustanzi pektini | 25 | | | |
| 1509<br><br>1510 00 | Żejt taż-żebbuġa u l-estratti tiegħu, anki raffinati, imma mhux modifikati kimikament<br><br>Żjut oħra u l-estratti tagħhom, miksuba esklussivament miż-żebbuġ, anki raffinati, imma mhux modifikati kimikament u taħlit ta' dawn iż-żjut jew estratti ma' żjut jew estratti tan-nru 1509 | 100 | 3 500 | – | Artikolu 1 § 6 |
| ex 2001 10 00 | Ħjar preparat jew konservat fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku, mhux miżjud biz-zokkor | 100 | | | |
| ex 2001 10 00 | Ħjar żgħir użat għall-pikles preparat jew konservat fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | 10 000 (piż nett niexef) | – | Artikolu 1 § 6 |
| ex 2001 90 93 | Basal preparat jew konservat fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku, mhux miżjud biz-zokkor | 100 | | | |
| 2001 90 20 | Frott tat-tip Capsicum minbarra l-bżar aħmar jew il-bżar aħdar preparat jew konservat fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| ex 2001 90 50 | Faqqiegħ preparat jew konservat fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku, mhux miżjud biz-zokkor | 100 | | | |
| ex 2001 90 65 | Żebbuġ preparat jew konservat fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku, mhux miżjud biz-zokkor | 100 | | | |

| Kodiċi NM ([1]) | Deskrizzjoni tal-merkanzija ([2]) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN % | Dazju tad-dwana annwali jew għall-perjodu indikat (tunnellati f'piż nett) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN lil hinn mid-dazju tad-dwana eżistenti (%) | Disposizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| ex 2001 90 70 | Bżar aħmar jew aħdar preparat jew konservat fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku, mhux miżjud biz-zokkor | 100 | | | |
| ex 2001 90 99 | Ħxejjex oħra, frott u partijiet oħra tal-pjanti tajbin għall-ikel, preparati jew konservati fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku, mingħajr zokkor | 100 | | | |
| 2002 10 10 | Tadam imqaxxar | 100 | | | |
| 2002 90 | Tadam preparat jew konservat mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku (minbarra t-tadam sħiħ jew imqatta') | 100 | 2 000 | – | Artikolu 1 § 6 |
| 2003 10 20<br>2003 10 30 | Faqqiegħ ta' l-ispeċi Agaricus preparat jew konservat mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2003 20 00 | Tartuf preparat jew konservat mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2003 90 00 | Faqqiegħ ieħor preparat jew konservat mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2004 10 99 | Patata oħra tal-friża preparata jew konservata mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| ex 2004 90 30 | Kappar u żebbuġ tal-friża preparati jew konservati mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2004 90 50 | Piżelli (Pisum sativum) u fażola twila tal-friża preparati jew konservati mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | 10 500 | 20 | Artikolu 1 § 6 |
| 2005 40 00 | Piżelli (Pisum sativum) mhux tal-friża preparati jew konservati mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | | | | |
| 2005 59 00 | Fażola oħra mhux tal-friża preparata jew konservata mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | | | | |
| 2004 90 98 | Ħxejjex oħra tal-friża preparati jew konservati mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2005 10 00 | Ħaxix omoġenizzat mhux tal-friża preparat jew konservat mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2005 20 20 | Patata mqattgħa fina, patata moqlija, anki mmellħa jew mħawra, f'pakketti magħluqin ermetikament, tajba biex tittiekel kif inhi | 100 | | | |
| 2005 20 80 | Patata oħra mhux tal-friża preparata jew konservata mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2005 51 00 | Fażola bla qoxra mhux tal-friża preparata jew konservata mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2005 60 00 | Asparagus mhux tal-friża preparat jew konservat mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2005 70 | Żebbuġ mhux tal-friża preparat jew konservat mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |

| Kodiċi NM ([1]) | Deskrizzjoni tal-merkanzija ([2]) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN % | Dazju tad-dwana annwali jew għall-perjodu indikat (tunnellati f'piż nett) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN lil hinn mid-dazju tad-dwana eżistenti (%) | Disposizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 2005 90 10 | Frott mhux tal-friża ta' l-ispeċi Capsicum, minbarra l-bżar aħmar jew aħdar, preparat jew konservat mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2005 90 30 | Kappar mhux tal-friża preparat jew konservat mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2005 90 50 | Qlub tal-qaqoċċ mhux tal-friża preparati jew konservati mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2005 90 60 | Karrotti mhux tal-friża preparati jew konservati mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2005 90 70 | Ħaxix imħallat mhux tal-friża preparat jew konservat mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2005 90 80 | Ħaxix ieħor mhux tal-friża preparat jew konservat mod ieħor milli fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku | 100 | | | |
| 2007 10 91 | Preparazzjonijiet omoġenizzati ta' frott tropikali | 100 | | | |
| 2007 10 99 | Preparazzjonijiet omoġenizzzati oħra | 100 | | | |
| 2007 91 90 | Ċitru ieħor | 100 | | | |
| 2007 99 91 | Purè u marmellati tat-tuffieħ | 100 | | | |
| 2007 99 98 | Ġamm, ġelì, marmellati, purè u pejst tal-frott oħrajn | 100 | | | |
| 2008 30 51<br>2008 30 71<br>ex 2008 30 90 | Biċċiet tal-grejpfrut | 80 | | | |
| | Mandolin (inkluż il-mandolin tat-tip Citrus aurantium u s-satsumas) magħsur sew; klementini, wilkings u ibridi oħra simili taċ-ċitru, magħsura sew: | | | | |
| ex 2008 30 55 | — ippakkjati mill-ewwel b'piż nett li jaqbeż il-kg | 100 | | | |
| ex 2008 30 75 | — ippakkjati mill-ewwel b'piż nett li ma jaqbiżx il-kg | 80 | | | |
| ex 2008 30 59<br>ex 2008 30 79 | Larinġ u lumi magħsura sew | 80 | | | |
| ex 2008 30 90 | Ċitru magħsur sew | 80 | | | |
| ex 2008 30 90 | Polpa taċ-ċitru | 40 | | | |
| 2008 50 61<br>2008 50 69 | Berquq preparat jew konservat mod ieħor, mhux miżjud bl-alkohol, miżjud biz-zokkor u ppakkjat mill-ewwel b'piż nett li jaqbeż il-kg | 100 | 10 000 | 20 | Artikolu 1 § 6 |
| 2008 50 71<br>2008 50 79 | Berquq preparat jew konservat mod ieħor, mhux miżjud bl-alkohol, miżjud biz-zokkor u ppakkjat mill-ewwel b'piż nett li ma jaqbiżx il-kg | 100 | 5 000 | – | Artikolu 1 § 6 |

| Kodiċi NM ([1]) | Deskrizzjoni tal-merkanzija ([2]) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN % | Dazju tad-dwana annwali jew għall-perjodu indikat (tunnellati f'piż nett) | Rata tat-tnaqqis tad-dazju tad-dwana MFN lil hinn mid-dazju tad-dwana eżistenti (%) | Disposizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| ex 2008 50 92<br>ex 2008 50 94 | Berquq maqsum f'nofsijiet preparat jew konservat mod ieħor, mhux miżjud bl-alkoħol, mhux miżjud biz-zokkor u ppakkjat mill-ewwel b'piż nett ta' 4,5 kg jew iktar | 100 | | | |
| ex 2008 50 92<br>ex 2008 50 94 | Polpa tal-berquq preparata jew konservata mod ieħor, mhux miżjuda bl-alkoħol, mhux miżjuda biz-zokkor u ppakkjata mill-ewwel b'piż nett ta' 4,5 kg jew iktar | 100 | 10 000 | 50 | Artikolu 1 § 6 |
| 2008 50 99 | Polpa tal-berquq preparata jew konservata mod ieħor, mhux miżjuda bl-alkoħol, mhux miżjuda biz-zokkor u ppakkjata mill-ewwel b'piż nett ta' 4,5 kg jew iktar | 100 | 7 200 | 50 | Article 1 § 6 |
| ex 2008 70 98 | Ħawħ maqsum f'nofsijiet (inkluż l-anċiprisk) preparat jew konservat mod ieħor, mhux miżjud bl-alkoħol, mhux miżjud biz-zokkor u ppakkjat mill-ewwel b'piż nett ta' inqas minn 4,5 kg | | | | |
